# *Triq il-Fawwara*

***D.K.C***

***1-12-2010***

Skont kif kien kiteb Joseph Caruana fil-kolonna tiegħu msejħa *Toponomi* qal hekk: "Tal-Fawwara" huwa qasam t'art li jiġi bejn Għajnsielem u l-Imġarr. De Soldanis isemmi għajn tal-Fawwara" fi Triq tal-Imġarr li kienet isservi biex jixorbu l-bhejjem minnha. Ikompli Joe Caruana: "Kif jaf kulħadd, fir-raħal hawn Triq Fawwara li tħares fuq Wied ir-Rajjes. Mela għandna għax naħsbu li dik l-għajn li jsemmi De Soldanis setgħet kienet dik li llum hi għajn ta' Le Merchant. Fawwara tfisser għajn jew nixxiegħa t'ilma ġieri."

Meta saret il-pjazza hekk spazjuża ta' quddiem il-knisja l-ġdida, l-art, qabel kienet qisha xi ġiebja fonda li fiha kien jintefa' l-iskart kollu tar-raħal u li fuqha, f'dak il-fond, min jaf kemm tfal u żgħażagħ kienu jilagħbu l-futbol.




Meta saret il-pjazza, Triq Fawwara ġiet imnaqqsa dik il- parti li tibda minn quddiem d-dar ta' Stella Cauchi sa quddiem il-passaġġ, li minn Triq Fawwara jwassal sa Triq Imġarr. Għalhekk, illum Triq Fawwara tibda minn numru 1 ta' dik id-dwejra ta' quddiem il-passaġġ li jieħu lejn ta' Passi. Dwejra li llum hi f'idejn Ġużeppi Cauchi, fejn missieru Amabile laħaq ħadem ta' barbier, u wkoll xi drabi ġo fiha kien jarma mudell sabiħ ta' knisja mżejna sew. Għal xi żmien kien ukoll jorqod fiha Toni Buttiġieġ. Illum għalhekk, kif diġa' għidt, Triq Fawwara tibda minn quddiem il-passaġġ u tispiċċa fejn toqgħod il-Familja Buġeja numru 19.

Ngħidu issa xi ħaġa dwar il-familji li kienu jgħixu f'din it-triq fi tfuliti u anke llum. Fid-dar li kienet iġġib in-numru 1, u fis-sular ta' fuq iġġib id-data 1856 fis-sular t'isfel kien il-ħanut ta' Karm u Roża Buttiġieġ imlaqqmin tal-Għadma. Hemm kienu jinbiegħu mluħa bħal sardin, bakkaljaw, għeringi, tonn eċċ u anke nbid u ħaxix. Filwaqt li fis-sular ta' fuq kienet toqgħod il-familja Grima, imlaqqma ta' Neni, u fejn, Mabbli Cauchi kien jagħmilha ta' barbier. Il-familja Buttiġieġ kellhom l-abitazzjoni tagħhom fejn illum jinsab Tony's Bar.

Bieb ma' bieb mad-dar tal-familja Buttiġieġ hemm is-sqaq, illum imsejjaħ tal-Ġinger. F'dan l-isqaq, almenu kif jidhirli, kienet tgħammar familja mlaqqma tal-Eremit u familja oħra mlaqqma tal-Pappus u dan l-aħħar, kif għadna nsejħulu sal-lum hu msejjaħ is-sqaq tal-Ġinger li fih kienet toqgħod il-familja Grech, imlaqqma tal-Ġinger.

Mas-sqaq tal-Ġinger tmiss il-proprjeta' li tikkonsisti minn ġnien u dar li kienu tal-familja Buttiġieġ, imlaqqma tal-Gażżija, fejn illum Ġużeppi Attard, imlaqqam tal-Bużaqq jistorja il-bejgħ tiegħu bħala *ironmongery*. Il- membri tal-familja Buttiġieġ tal-Gażżija li niftakar joqogħdu hemm, kienu Marija, Peppi, li kien fratell u dilettant għall-aħħar tal-istandardi tal-fratellanzi u Pawlu li fi xjuħitu ħadem għal xi ftit żmien bħala kaptan tat-Tank "*King of England*". Milli jidher il-familja Buttiġieġ tal-Gażżija kellhom xi drabi xi ħanut tax-xorb għax għandhom kont nara speċi ta' armatura u li fiha kienu jidhru l-kejl tax-xorb tal-inbid, bħalma huma l-pinta it-terz u n-nofs li bihom kienu jferrgħu l-inbid fit-tazzi tax-xorb.

Xħin inħallu d-dar tal-familja Buttiġieġ, bid-dwejra numru 1 li semmejna iktar 'l fuq, tibda t-Triq Fawwara u mad-dwejra tmiss id-dar li kienet tal-familja Grima mlaqqma tas-Sekken. Magħha tmiss id-dar li kienet tgħix fiha l-familja Azzopardi - Marija, imlaqqma ta' Ġulju u żewġha Pawlu minn ta' Ferris, imlaqqam il-Qattus li kien miet bil-ħidma tal-għadu fit-tieni gwerra dinija fuq lanċa li kienet taqsam bejn Malta u Għawdex f' dawk iż-żminijiet koroh ta' ħajjitna. Illum id-djar tal-familja Buttiġieġ u dik tal-familja Grima huma f'idejn Dun Tarċisio Attard.

Induru issa għal mal-kantuniera tat-triq Fawwara għan-numru 4 minn fejn tibda l-propjeta' tal-familja Xuereb, imlaqqma ta' Sosu li s-subien tagħhom kienu t-tfal l-eqreb midħla tagħna - Ġanni, Leli, li kien ipaspar kemm jiflaħ, Toni, li flimkien jiena u hu min jaf kemm lgħabna fid-dar tagħna u flimkien bdejna narmaw it-triq Fawwara għall-festa titulari. Ħdimna flimkien fiċ-Ċirklu Lawretana u kien jiktbilna speċi ta' makkjetti għall-palk. L-iżgħar fosthom kien Mabbli, li sal-lum għadu mimli bl-għomor u lkoll flimkien u ma' ħija Kelinu bi ftit intervall bejnietna konna nattendu l-iskola sekondarja fil-belt Victoria.

Mabbli u xi membri tal-familja ta' Rita Grech kienu wkoll jagħtu daqqa t'id fl-armar ta' Triq Fawwara. Kienu lkoll membri taċ-Cirklu tal-Azzjoni Kattolika u f' bosta ċirkostanzi Mabbli kien l-id il-lemminija tiegħi fiċ-Ċirklu. Bħal meta konna mmorru Malta bl-abbatini,

eċċ. Okkażjonijiet li għadni niftakar huma meta flimkien morna għand Ġużepp Buttiġieġ tal-Ġnien biex iċedilna l-art għall-grawnd. Meta għand in-nutar għamilna l-kuntratt hu kien wieħed mix-xhieda. Flimkien morna l-Isla biex nixtru electric film projector żgħira mingħand John Baldacchino, li b' intervent ta' Ġużepp Mercieca, iċ-Ċepi kien ħallasilna Dr.Ġ.Pace L.L.D.

Is-Sur John Baldacchino mhux biss kien jislifna films għal dan il-movie, imma wkoll kien hu d-*draftsman* li għamlilna l-pjanta għall-binja taċ-Ċirklu. Mabbli Xuereb kien ukoll miegħi meta morna Malta għand Oscar Cesario li minn għandu xtrajna *sound & vision machine*. Din kienet magna *rebuild* li kien waslilna mingħand Oscar għal fuq il-Queen of Piece Fr.Victor Grech Dimech, qassis twajjeb Malti, li m'ilux li għadda għall-mistrieħ ta' dejjem. Ma' Mabbli Xuereb kont ukoll mort x'imkien qrib Hal Luqa biex xtrajna kanni u wire li bihom konna għamilna lqugħ wara l-lasti tal-goaler tan-naħa t'isfel tal-grawnd biex naħarbu xi ftit mill-inkwiet mas-sidien tar-raba' ta' wara l-grawnd.

X'ħin inħallu d-dar tal-familja Xuereb jiġi t-terran ta' nannithom Loreta Farrugia, fejn illum jinsab il-garaxx tas-Sinjorina Rita Meilak u miegħu kien u għad hemm magħluqa d-dar ta' abitazzjoni tal-istess sinjurina Meilak. Dar li darba wkoll kienet parti mill-abitazzjoni ta' bużnannitha Loreta Farrugia.



Issa jmiss d-dar ta' Reġina Debono, oħt Loreta Farrugia, li darha nofsha kienet isserviha bħala lok ta' abitazzjoni u parti oħra bħala Museum għad-Duttrina nisranija tat-tfal iż-żgħar. Ma' dan inżid ngħid li fil-Purċissjoni tal-Corpus Domini, l-entrata ta' din id-dar kienet tiżżejjen biex minnha tingħata l-Barka Sagramentali kif ukoll hekk kien isir mill-entrata tal-iskola l-qadima fi Triq Hamri.

Fi żmien it-tieni gwerra dinjija flok il-Museum għammru bħala refuġjati ċertu Luiġi Formosa u martu Elvira ma' binhom is-surmast u organista Nazzareno u l-familja tiegħu. Il-familja ta' Nazzareno Formosa kienu joqogħdu l-Ħamrun u fiż-żmien il-gwerra laħaq kien jiġi jdoqq l-orgni fil-parroċċa u wkoll meta kienet issir xi gara katekistika fis-sala tad-Dar ta' San Ġużepp ta' Triq Imġarr u lili anke kien tani xi biċċa mużika. L-aħħar nies li għexu f'din id-dar kien il-kaptan Dumink Scicluna ma' martu Rita mwielda Xuereb.

Mid-dar ta' Reġina Debono ngħaddu issa għal dik ta' Anġela ta' Rajfel, imlaqqma s-Saħħara. Lil din il-mara niftakarha bħala mara xiħa tgħix weħidha u ħlief jiena u Rita nee' Xuereb ta' Rużarju ħadd aktar ma kien jidħol għandha. Niftakar kienet tagħmlilna ftajjar biz-zokkor imsajrin fuq għatu ta' landa tal-kunserva. Taħt din id-dar kien hemm qisu maqjel fejn Frenċu Grech tal-Bej kien bosta drabi jżomm il-kmamar li fihom konna nżommu l-ftit armar tal-festa li kellna tat-Triq Fawwara u minn fejn imbagħad kellna nneħħu kollox għax ġie joqgħod fihom Frenċu Grech ta' Ġużepp tas-Sipa. Naturalment dan sar meta Angela mietet u l-post ġie restawrat kif naħseb min-neputi tagħha r-Reana u fil-parti ta' barra sar l-ewwel każin tal-futboll fi żmien Father Bernard Hersey u s-Sur Karm Mallia.

Fil-gwerra fiha kienu joqogħdu bħala refuġjati Pawlino Spiteri u żewġ ħutu bniet Violet u Marija, li missierhom kien miet ma' ibnu fuq l-Aircraft Carier Courageous bil-ħbit tal-għadu. F' din id-dar għamret għal xi żmien il-familja ta' Ġużeppi Cauchi fil-parti tal-faċċata u f'dik ta' ġewwa, kif ġa għidna dik ta' Frenċu Grech, u llum hemm tgħix fiha il-familja ta' ħuh Karmenu, it-tnejn imlaqqma tas-Sipa.

Issa jmiss dik il-parti li fiha kien jgħix raġel, imlaqqam id-Diglis li jiena lilu ma lħaqtux u kif jingħad kien jaf idoqq strument imsejjaħ 'iż-żaqq'. Dan il-lok kien jikkonsisti minn bitħa żgħira wara l-ħajt tat-triq, taraġ għall-għorfa ta' fuq u fil-faċċata tal-bitħa, isfel, kien imħares b'ħajt tas-sejjieħ. F'din id-dar niftakar li kienet tgħix il-familja ta' Kejli Buttiġieġ, imlaqqam tal- Ġnien u wara l- familja Buttiġieġ dik ta' Merċieca Vitorina u Marcell, imlaqqam ta' Masiku.

F'dak iż-żmien li qed insemmi hawn, it-triq kienet dejqa u meta dan il-lokal għadda għal għand il-familja ta' Rożarju Xuereb tar-Rixa u Martu Roża nee' Galea ta' Majsi li kienu jsejħulha ż-Żillimma hemm ġie kollox żgombrat u l-familja Xuereb floku bnew ż-żewġ mezzanini, li fil-bidu f'wieħed minnhom kienet toqgħod il-familja Spiteri ta' Arturo u fl-ieħor lok ta' abitazzjoni tas-Sur Loretu Scicluna. F' wieħed minn dawn il-żewġ mezzanini għix ukoll għal xi żmien Karmelo Pantelleresco.

Minn hawn ngħaddu għad-dar ta' Rożarju u Roża Xuereb bejjiegħa tal-pitrolju u tal-melħ u fuħħar li kont narahom ikisruħ taħt ġebla kbira qisha xi romblu u fl-istess ħin ħaddiema tar-raba'. Minn jaf kemm batew dawn in-nies, Rożarju filgħodu kmieni kien jitlaq bil-bagħla lejn l-Għarb biex ibigħ l-petrolji u Roża ttella' fuq rasha mit-tomba tax-Xatt l-Aħmar il-melħ għall-bejgħ mid-dar. F' din dar l-aħħar li għammar kien Fredu Pantelleresco, ir-Romblu.

Imiss issa nru14-15 id-dar tiegħi, li missieri u ommi kienu bnew l-ewwel sular fis-sena 1915 u s-sular ta' fuq għall-ħabta tas-snin 1946 jew 1947. F' din id-dar jiena u ħija Kelinu biss twelidna, għax ħuna Anton, is-Surmast twieled fl-Isla u ħija Ġużeppi kien twieled fejn illum jinsab 'l-Eden Foundation', Triq Perellos. Missieri kien jismu Salvu minn Nadur, imlaqqam tat-Tletin u Ommi

Maria Pawla nee' Costa minn ta' Ġammajr.

Ġirien tagħna hemm id-dar tal-familja Gauci, imlaqqma tal-Bjanker ulied Ċikku u Michelina nee' Ciantar. Il-familja Gauci, billi l-missier kien kaptan fuq xi lanċa kienet tiġi Għajnsielem fis-sajf biss għax kienu jkunu l-Marsa, iżda meta Ċikku rtira mix-xogħol ġew joqogħdu f' darhom hawn sa' mewthom. Minn din il-familja baqa' ħajja Karmela biss, is-sid tal-Blue Anchor Bar, li minnu ħareġ il-laqam Bjanker. L-aħħar dar ta' din it-triq hija dik tal-familja Bugeja, mibnija fl-1935 mill- Mons. Klement Buttiġieġ, iz-ziju tas-sid id-dar Mike Bugeja.

Minn hawn issa ngħaddu għall-faċċata l-oħra tat-Triq Fawwara, li tibda mill-*Playing field*, imsemmija għall-ex membru parlamentari Amabile Cauchi u tispiċċa f'dak il-lok, li jiena nħobb insejjaħlu *Watch Tower*, illum okkupat minn Mawru Attard. Biex inkunu għidna forsi kollox, inżid ngħid li madwar 40 sena, parti kbira mill-Playing Field kienet b'ċens perpetwu f'idejn il-familja Cassar u parti oħra b'ċens ukoll f'idejn il-familja Gauci; għalkemm għaddew'il fuq minn erbgħin sena l-ebda gvern għadu qatt ma ta' xi rikompens lill-familji konċernati.

Semmejna fuq il-*Watch Tower,* fis-sular t'isfel qabel kellu żewġ bibien. Wieħed kien tal-growser u l-ieħor tal-Bar tax-xorb li kien iġib l-isem *Glory of England* ta' Frenċu Xuereb imlaqqam tal-Bej u ta' Martu Marija nee' Galea bint Toni tal-Bużaqq. F'dan il-Bar għajr xi ftit xjuħ ma kontx tara, ipaċpċu donnu fil-vojt, ipejpu u jmeru lil xulxin għall-aħħar. tant li darba, wieħed minnhom kien qal xi ħaġa hekk: "Aħna t-tokis x'immorru nagħmlu, aħna hawn ġew mhux dejjem tokis."

Kien f'xi żmien meta l- *Glory of England* Bar kien fil-glorja tiegħu, meta kien għad hawn is-suldati f' Chambrai, li min jaf kemm minnhom għax kienu jkunu mlaħalħin tgerrbu dak it-taraġ li kien hemm anness mal-bar. U minnhom min jaf kemm waqgħu fl-għelieqi huma u għaddejjin minn fuq il-passaġġ li qabel ma sar bridge kien jgħaqqad triq Fawwara ma' Triq Imġarr.

Ħa ngħaddu issa għan-naħa l-oħra tat-triq mill-Playing Field fejn f' ħajti rajt l-ikbar traġedja, dik ta' ħaddiem tad-diviżjoni tal-elettriku, li mingħalih il-kurrent elettriku ma kienx għaddej dak il-ħin li hu kien jinnavika fuq arblu tal-konkrit. Rajtu jaqa' qisu balla nar u mixħut mal-art u jien bir-rogħda fuqi amministrajtlu l-Griżma tal-morda u mbagħad miet l-isptar.

Illum din naħa tat-Triq Fawwara jinsabu diversi binjiet u l-ewwel waħda li saret kienet ta' Ġanni Falzon u Martu M.Assunata nee' Rapa. Ġanni, kien raġel twajjeb li laħaq kien iġibli, jekk m'inhiex niżbalja l-isem, in-niġem, biex inħawluh fil-grawnd tal-A.K biex l-ilma tax-xita ma jġorrx miegħu l-ħamrija tal-istess grawnd. Ġanni Falzon pero' ma tanx gawdih il-lok li bena għax il-Mulej ħadu miegħu bikri. Illum jinsabu binjiet oħra aktar moderni bħalma huma l-appartamenti li bena Silvio Rapa, id-dar ta' ħuh Alfio, u reċentament inbniet il-villa ta' Joseph Scicluna u martu Josephine nee' Debono, u hekk ilħaqna l-*Watch Tower* fuq l-imsemmi.

Triq Fawwara kif diġa' għidna kienet tibda mid-dar Stella Cauchi u għalhekk biex inkomplu mat-taraġ li semmejna qabel, hemm fil-qrib ġol-għalqa kien hemm l-għar li konna nsejħulu ta' Pastura li fuqu Ġużepp Grima, iċ-Ċerkis kellu roqgħa raba' u triq, dejqa f'dak iż-żmien, kienet tkompli bl-għelieqi li nassumi kienu f' idejn Karmnu tal-Għadma u mbagħad qabel tibda l-pjazza kienet tinsab kolonna lixx għall-aħħar u li fuqha kienet poġġuta l-istatwa grazzjuża tal-Madonna ta' Loretu, li skont it-tradizzjoni kienet dik li għamel Anġlu Grech, li t-tradizzjoni tgħid li deheritlu l-Madonna.

Illum din l-istatwa tal-ġebel għadha tinsab ġo niċċa fil-kappella tax-xellug, imsejħa l-kappella tal-Madonna fil-knisja arċipretali meqjuma b'devozzjoni mill-fidili. Fuq din l-istatwa nistgħu ngħidu li hija mibnija l-istorja tal-parroċċa tagħna.

ISLAND TECH
Manuel Grech
Computer Systems & Repairs
Cartridge Refills
Networking & Accessories
Mob. 99206525 - Tel. 21566777
Island Tech, Triq il-Municipju Ruman, Victoria
mangrech@maltanet.net